MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1592/2002

**Paolo Bonnici**
**Vs**

**Joe Fenech Soler**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm 1,190.82c (elf, mija u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti:

(1) In kwantu ghal disa’ mija u tmenin lira Maltin (Lm980.00c) arretrati fuq hlas ta’ kera bejn l-1 ta’ Gunju, 2000 sal-31 ta’ Jannar, 2001, rigwardanti l-fond “Mars Garage”, Triq il-Kapuccini, San Gwann, mikri mill-attur lill-istess konvenut; u
(2) In kwantu ghal mitejn u ghaxar liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm210.82), arretrati fuq hlas ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma bejn l-1 ta’ Gunju, 2000 sal-31 ta’ Jannar, 2001, u rigwardanti l-istess fond imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru, 2001 (Dok. PB1), u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**